

Konsultazzjoni pubblika dwar l-obbligu ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg (hekk imsejħa "Id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub")

Dokument ta' referenza

Id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub (id-[Direttiva 91/533/KEE](#)) dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg – hekk imsejħa "Id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub" – ġiet adottata fl-14 ta' Ottubru 1991.

Fil-qofol tagħha, id-Direttiva tagħti d-dritt lill-impjegati li jkunu nnotifikati bil-miktub dwar aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjeg tagħhom meta tibda jew ftit wara li tibda. Tgħid ukoll li għandha tingħata informazzjoni addizzjonali għal impjegati espatrijati qabel it-tluq.

Id-Direttiva għandha għan soċjali: li ttejjeb il-protezzjoni tal-impjegati billi tipprovdihom biżżejjed informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom. Billi teżiġi li l-elementi dwar ir-relazzjonijiet tal-impjeg ikunu miktubin, dan jgħin ukoll biex jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat.

Storikament, id-Direttiva kienet adottata fid-dawl tal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema li fl-Artikolu 9 tagħha tgħid: "Il-kundizzjonijiet tal-impjeg ta' kull ħaddiem/a tal-Komunità

Ewropea għandhom ikunu stipulati fil-liġi, ftehim kollettiv jew kuntratt ta' impjieġ, skont l-arranġamenti f'kull pajjiż".

Bħalissa l-Kummissjoni qed twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tiġbor l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar xi kwistjonijiet ewlenin. Dan se jgħin lill-Kummissjoni biex tara x'benefiċċji għabet id-Direttiva u x'jista' jitjeb.

1. Il-kontenut tad-Direttiva

Id-[Direttiva](#) fiha għaxar artikoli u tinqara faċilment. Il-kaxxa hawn taħt tippreżenta l-ewwel tliet Artikoli tad-Direttiva. L-Artikolu 2 huwa d-dispożizzjoni prinċipali tad-Direttiva. Hija tistabbilixxi l-prinċipju li min iħaddem huwa obligat li jinforma lill-impjegati dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni tal-impjieġ tagħhom, bħalma huma d-deskrizzjoni tax-xogħol, id-data tal-bidu tiegħu, it-tul ta' żmien tiegħu (jekk ikun temporanju), l-ammont ta' liv bi ħlas u l-ħin tax-xogħol.

Kaxxa 1. Preżentazzjoni tal-Artikoli 1 sa 5 tad-Direttiva

L-Artikolu 1 jiddetermina min għandu jirċievi l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu/tagħha: kull impjegat imħallas li għandu kuntratt jew relazzjoni ta' impjieġ. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu ċerti kategoriji ta' impjegati bħal dawk li jaħdmu anqas minn 8 sigħat fil-gimġha jew dawk li r-relazzjoni tal-impjieġ tagħhom se ddum inqas minn xahar. Barra minn hekk, il-kunċett ta' impjegat mhuwiex definit f'din id-Direttiva. Huwa f'idejn l-Istati Membri li japplikaw id-definizzjoni tagħhom stess ta' dak li huwa impjegat.

L-Artikolu 2 huwa d-dispożizzjoni prinċipali tad-Direttiva; dan jistabbilixxi l-prinċipju li min iħaddem huwa obligat li jinforma lill-impjegati dwar l-aspetti essenzjali tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom. Dawn l-elementi essenzjali huma (mill-inqas):

- (a) l-identitajiet tal-partijiet;
- (b) il-post tax-xogħol; fejn m'hemmx post tax-xogħol fiss jew prinċipali, il-prinċipju li l-ħaddiem hu impjegat f'numru ta' postijiet u l-post tal-kummerċ irreġistrat jew, fejn hu xieraq, id-domiċilju ta' min iħaddem;
- (c) (i) it-titolu, il-grad, in-natura jew il-kategorija tax-xogħol li għalih il-ħaddiem hu impjegat; jew (ii) speċifikazzjoni jew deskrizzjoni qasira tax-xogħol;
- (d) id-data tal-bidu tal-kuntratt jew tar-relazzjoni tal-impjieġ;
- (e) fil-każ ta' kuntratt jew relazzjoni tal-impjieġ temporanji, id-dewmien mistenni tagħhom;
- (f) l-ammont tal-liv bi ħlas li għalih l-impjegat hu intitolat jew, fejn dan ma' jistax jkun indikat meta tingħata l-informazzjoni, il-proċeduri għall-allokazzjoni u d-determinazzjoni ta' dan il-liv;
- (g) it-tul tal-perjodi ta' avviż li għandu jiġi osservat minn dak li jħaddem u l-impjegat, kieku l-kuntratt jew ir-relazzjoni tal-impjieġ tagħhom kellu jintemm jew, fejn dan ma' jkunx jista' jiġi

indikati meta tingħata l-informazzjoni, il-metodu għad-determinazzjoni ta' dawn il-perjodi ta' tgħarif;

(h) l-ammont bażiku tal-bidu, l-elementi komponenti l-oħra u l-frekwenza tal-pagament tar-remunerazzjoni li għalihom hu titolat l-impjegat;

(i) it-tul tal-ġurnata jew ġimgħa tax-xogħol normali tal-impjegat;

(j) fejn hu xieraq;

(i) il-ftehim kollettiv li jiggverna l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegat;

jew

(ii) fil-każ ta' ftehim kollettiv konkluż barra n-negozju minn korpi jew istituzzjonijiet konġunti speċjali, l-isem tal-korp kompetenti jew tal-istituzzjoni konġunta li fiha l-ftehim kien konkluż.

Din il-lista mhijex komprensiva fil-firxa tagħha: fil-prinċipju għandhom jiġu notifikati l-aspetti essenzjali kollha tar-relazzjoni tal-impjegat, mhux biss daww elenkati fid-Direttiva. Madankollu, fil-prattika, din il-lista hija ta' importanza kbira u tikkostitwixxi pakkett standard ta' informazzjoni meħtieġa.

L-**Artikolu 3** jispjega li impjegat għandu jirċievi informazzjoni rilevanti bil-miktub mhux aktar tard minn xahrejn wara l-bidu tal-impjegat.

Skont l-**Artikolu 4**, trid tingħata informazzjoni addizzjonali lil impjegati meħtieġa li jaħdmu f'pajjiż barrani għal aktar minn xahar. Dawn l-impjegati għandhom ikunu informati dwar:

- id-dewmien tal-impjegat barra pajjiżhom;
- il-munita li għandha tintuża għall-pagament tar-remunerazzjoni;
- fejn xieraq, il-benefiċċji fi flus jew in natura li jiġu ma' impjegat barra mill-pajjiż;
- fejn hu xieraq, l-kundizzjonijiet li jiggvernaw ir-rimpatrijazzjoni tal-impjegat.

Jekk ikun hemm xi bidla fil-punti ta' informazzjoni msemmija taħt l-Artikoli 2 u 4, l-**Artikolu 5** jobligha lil min iħaddem biex jinforma lill-impjegati bil-miktub fi żmien xahar.

2. L-għanijiet tad-Direttiva

Kif issemma diġà, id-Direttiva għandha prinċipalment għan soċjali. B'mod espliċitu għandha l-intenzjoni li tipprovdi protezzjoni mtejbja lill-impjegati kontra n-nuqqas ta' rispettt possibbli jew il-ksur tad-drittijiet tagħhom. Infatti l-informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħu stess hija prerekwiżit għal impjegat li jixtieq li dawn jiġu rispettati.

Barra minn hekk, id-Direttiva tfittex li trawwem trasparenza akbar fis-suq tax-xogħol. Trasparenza tfisser li jkun possibbli li jiġu identifikati faċilment il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għal kategorija speċifika ta' impjegati. Pereżempju, jekk wieħed jista' faċilment jiddetermina l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali tal-impjegati fis-settur tas-saħħa jew fis-settur tal-kostruzzjoni f'qasam speċifiku tal-UE, it-trasparenza hija sodisfaċenti f'dawn is-setturi. Għalhekk, it-trasparenza tidher li hija utli

mhux biss għall-impjegati, imma wkoll għall-awtoritajiet pubbliċi (fl-isforzi tagħhom biex jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat) u għal min iħaddem jew għal investituri potenzjali li jistgħu jeħtieġu ċertezza legali.

L-evalwazzjoni għandha tiddetermina wkoll jekk id-Direttiva wasslitx benefiċċji oħra lil hinn minn dawk direttament mistennija. Pereżempju, jista' jkun li tinġabar evidenza li d-Direttiva trawwem kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-impjegati.

3. Ir-raġunament għall-evalwazzjoni

Skont il-Linji Gwida adottati dan l-aħħar dwar Regolamentazzjoni Aħjar, evalwazzjoni hija ddefinita bħala ġudizzju bbażat fuq l-evidenza dwar kemm intervent tal-UE kien (i) effettiv u effiċjenti (ii) rilevanti għall-ħtiġijiet u l-għanijiet tiegħu (iii) koerenti kemm internament kif ukoll ma' interventi oħra ta' politika tal-UE u (iv) kiseb valur miżjud tal-UE¹.

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)². L-għan ġenerali ta' REFIT hu li l-liġi tal-UE ssir eħfef, adattata għall-iskop tagħha u li jitnaqqsu l-ispejjeż regolatorji, b'hekk ikun hemm qafas regolatorju ċar, stabbli u prevedibbli li jsostni t-tkabbir ekonomiku u l-impjegi.

"Id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub" qatt ma ġiet evalwata kif suppost mill-adozzjoni tagħha fl-1991³ u ġiet identifikata li jstħoqqilha evalwazzjoni REFIT⁴.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni hija ġġustifikata mill-bidliet fundamentali li seħħew fis-suq tax-xogħol fejn il-varjetà tar-relazzjonijiet tal-impjeg

¹ Il-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar, SWD (2015) 111 final, p. 49.

² Għal aktar informazzjoni segwi http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/index_mt.htm

³ Madankollu, l-implimentazzjoni tagħha ġiet eżaminata għal kull Stat Membru (għajr għall-Kroazja), mill-Kummissjoni nnifisha jew permezz ta' studju kkummissjonat mill-Kummissjoni, ara r-rapport u l-istudji hawn <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=706&langId=en&intPageId=202>

⁴ "Komunikazzjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni ("REFIT"): Ir-Riżultati u l-Passi li Jmiss COM(2013) 685. Ara wkoll il-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015 u 2016, rispettivament l-azzjoni Nru 26 tal-Anness 3 ta' REFIT u l-inizjattiva Nru 23 tal-Anness 2 ta' REFIT.

żdiedet. Minbarra x-xogħol għal żmien indefinit u forom magħrufa sew ta' xogħol atipiku bħal xogħol għal terminu fiss u xogħol part-time, tfaċċaw jew ġew żviluppati forom ġodda ta' impjeg. It-tabella t'hawn taħt tipprovdi definizzjoni ta' xi wħud minn dawn il-forom ġodda ta' impjeg.

Tabella 1. Definizzjonijiet ta' "forom ġodda ta' impjeg" għall-iskop tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub

Telexogħol	Forma ta' organizzazzjoni u/jew xogħol li jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni fejn xogħol li jista' jitwettaq ukoll fil-bini ta' min iħaddem, isir 'il bogħod minn dawk il-postijiet fuq bażi regolari.
Xogħol temporanju	Ħaddiem b'kuntratt ta' impjeg jew li għandu relazzjoni ta' impjeg ma' aġenzija tax-xogħol temporanju bil-ħsieb li jiġi assenjat għal ma' impriża ta' utent biex jaħdem temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha
Kuntratti mingħajr sigħat (bħal kuntratti ta' xogħol fuq sejħa)	Ħaddiem b'kuntratt permanenti iżda mingħajr garanzija ta' xogħol.
Kondiviżjoni tal-impjegati	Ħaddiem individwali impjegat minn grupp ta' impjegaturi (li mhumiex klijenti ta' aġenzija tax-xogħol temporanju tradizzjonali). Ħaddiema bħal dawn jagħmlu rotazzjoni bejn kumpaniji differenti.
Kondiviżjoni ta' impjegati	Persuna waħda li tħaddem tqabbad żewġ ħaddiema jew aktar biex b'mod konġunt timla impjegat speċifiku.
Ħidma abbażi ta' kupuni	Ir-relazzjoni tal-impjeg u l-ħlas relatat ikunu bbażati fuq kupuni minflok kuntratt tal-impjeg. F'ħafna każijiet, l-impjegati jkollhom status xi mkien bejn impjegati u ħaddiema għal rashom.
Ġestjoni temporanja	Ħaddiem – normalment espert bi kwalifiki għoljin — jitqabbad għal perjodu ta' żmien temporanju minn min iħaddem, ħafna drabi biex iwettaq proġett speċifiku jew isolvi problema speċifika. B'kuntrast ma' arranġamenti tradizzjonali ta' xogħol għal żmien fiss, ġestjoni temporanja għandha xi elementi ta' konsulenza, madankollu, l-espert għandu l-istatus ta' impjegat pjuttost minn status ta' konsulent estern.
Xogħol mobbli bbażat fuq I-ICT	Mudelli ta' xogħol karatterizzati minn ħaddiem (impjegat jew xi ħadd jaħdem għal rasu) li jopera minn diversi postijiet possibbli barra mill-bini ta' min iħaddmu (pereżempju, fid-djar, f'binj ta' klijent jew "fit-triq"), appoġġat minn teknoloġiji moderni bħal laptops u kompjuters tablet. Dan huwa differenti mis-sistema tradizzjonali tat-telexogħol fis-sens li huwa ħafna inqas "marbut mal-post".
Mudelli kollaborattivi ta' impjeg	<ul style="list-style-type: none"> • Organizzazzjonijiet umbrella, li joffru servizzi amministrattivi speċifiċi, bħall-fatturazzjoni ta' klijenti jew li jittrattaw kwistjonijiet fiskali. • Ħidma konġunta, li tkun tinvolvi l-kondiviżjoni tal-ispazju tax-xogħol u tal-back office u tal-kompiti ta' appoġġ. L-ispazju ta' ħidma kondiviż mhux neċessarjament wieħed fiżiku iżda jista' jkun ukoll spazju ta' laqgħa virtwali li jiffaċilita l-kollaborazzjoni • Kooperattivi bi sjieda konġunta u intrapriżi kkontrollati

	demokratikament ikkaratterizzati minn kooperazzjoni intensiva bejn il-membri fl-oqsma tal-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ġestjoni strateġika. Bil-kontra tal-ħidma konġunta , ma hemm l-ebda spazju konġunt. Il-kooperattivi mhumiex esklużivi għal min jaħdem għal rasu.
--	---

Hekk, id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub tirregola biss l-ammont ta' informazzjoni li għandha tingħata lill-impjegati; la tippermetti u lanqas tipprojbixxi xi forma ta' impjieg.

Madankollu, dawn il-forom ġodda ta' impjieg jippreżentaw sfida għall-applikazzjoni tad-Direttiva. Fil-fatt, id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li qed tiġi applikata għall-persuni kollha li jikkorrispondu għad-definizzjoni nazzjonali tagħhom ta' dak li huwa impjegat. Din id-definizzjoni tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Pereżempju, apprendist hu kkunsidrat bħala impjegat f'pajjiż wieħed iżda dan mhux il-każ f'pajjiż ieħor.

Din l-inċertezza dwar il-kategoriji eżatti ta' beneficijarji tad-Direttiva qed issir aktar kritika llum bil-ħolqien ta' forom ġodda ta' impjieg. Mhuwix ċar għall-Kummissjoni Ewropea kif l-Istati Membri jiżguraw jew le li l-persuni li jaħdmu f'dawn il-forom ġodda ta' impjieg jirċievu l-informazzjoni meħtieġa mid-Direttiva (il-Kummissjoni ser teżamina l-leġiżlazzjoni u l-prattika tal-Istati Membri biex tikseb għarfien aħjar tas-sitwazzjoni).

Skont il-kwestjonarju preżenti, il-Kummissjoni tixtieq tkun taf jekk dan in-nuqqas ta' uniformità fost l-Istati Membri kienx ta' problema. Ikun għaqli li fid-Direttiva jiġi kkonfermat b'mod espliċitu li tkopri wkoll persuni li jaħdmu taħt xi forom ġodda ta' impjieg?

4. Konklużjoni

Permezz ta' din il-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni tittama li tiġbor il-fehmiet ta' ħafna partijiet ikkonċernati dwar id-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub.

